MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2007

Numru 443/2001

**Il-Pulizija
Spettur Martin Sammut
v -**

**JOSEPH ZAMMIT TABONA**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEPH ZAMMIT TABONA** ta’ tlieta w erbghin sena, bin Lewis u Joan nee Rutter, imwieled Pieta nhar l-hdax ta’ Frar 1958 u residenti 33/34, Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita numru 149658M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-erbgha ta’ Lulju 2001 u fiz-zminijiet ta’ qabel, gewwa San Giljan u bnadi ohra f’dawn l-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghal bejgh jew importa bil-hsieb ta’ kummerc,

merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b’qerq u cioe diversi hwejjeg bil-marka ‘Hard Rock Café’.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta ta’ Awissu 2001 sabiex in-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-hamsa ta’ Dicembru 2001 (fol 14 tal-atti).
Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sitta ta’ Awissu 2007 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti bhala dokument CSH 1 (fol 9 et seq) minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu mill-inqas erbatax il-reat registrat fuqha dwar akkuzi ta’ ksur tal-paci pubblika, hadem bla licenzja, feriti hfief u theddid fuq persuna nkarigata mill-ligi u talli naqas li jhallas taxxa tal-PAYE tal-impjegati tieghu, fejn inghata diversi multi u sentenzi sospizi.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Martin Sammut jiddikjara fis-seduta tas-sitta ta’ Awissu 2007, li l-ammont ta’ merkanzija f’dan il-kaz huwa ta’ wiehed u hamsin T

Shirt u li kemm ilu stazzjonat l-ghassa San Giljan ma kellu qatt rapport dwar l-imputat.

Ghaldaqstant, **il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 298(1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH ZAMMIT TABONA hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u kif minnu ammessa, u tiddeciedi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitt [100] lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------